ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-428 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar il-Tlieta, 11 ta' Frar, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Marc Vella Bonnici u s-Sinjura Anna Calleja.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u s-Sur Brian Spiteri kienu skużati.

Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija u s-Sur Bonnici daħal għal-laqgħa fis-6.50 ta' filgħaxija.

Is-Sur Mark Grech ma bgħatx jinforma jekk kienx ser jattendi għal-laqgħa.

Preżenti għal-laqgħa kienet ukoll l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-426 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex isiru *traffic lights* fi Triq San Ġużepp ma' Triq Villabate. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ser issir laqgħa fuq is-sit mal-perit ta' Transport Malta.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex waqt il-laqgħa mal-perita ta' Transport Malta, s-Sindku jitlob biex iz-*zebra crossing* ta' Triq tal-Labour tiġi mibdula għal *pelican crossing*. Is-Sindku ssuġerixxa li terġa' ssir talba bil-miktub lil Transport Malta għall-*pelican crossing* fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Agius talab lis-Sindku sabiex waqt il-laqgħa li kien ser ikollu mal-perit ta' Transport Malta iressaq it-talba tal-Kunsill sabiex jitneħħa *bus stop* minn Triq is-Santwarju peress illi ma hemmx fejn isir *bus shelter*. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Agius sabiex jattendi għal-laqgħa li kien ser ikollu mal-perit ta' Transport Malta.

Is-Sinjura Calleja staqsiet lis-Sindku dwar meta kien ser isir ix-xogħol ta' manutenzjoni u tindif fil-*culverts* ta' Triq Alessio Erardi. Is-Sinjura Calleja qalet li minħabba l-ammont kbir ta' ilma tax-xita li jinġabar f'din it-triq hemm bżonn li l-*culvert* jitwessa. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-ħaddiem tal-IPSL jagħmel ix-xogħol il-gimgħa d-dieħla.

Is-Sindku staqsa f'hix wasal il-proġett għar-restawr tal-Għajn tal-Bhejjem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien qiegħed jistenna l-approvazzjoni mill-MEPA biex ikun jista' jinbeda x-xogħol.

Is-Sur Joseph Agius staqsa r-raġuni għaliex kienu twaħħlu tabelli tal-*speed limit* mill-Kunsill fi Triq Wied il-Għajn minflok l-*speed cameras*. Is-Sindku qal illi Triq Wied il-Għajn hija fir-responsabbilita' tal-Kunsill u t-tabelli twaħħlu sabiex jonqos il-periklu minħabba sewqan esaġerat li jkun hemm fit-triq.

<u>Item 4 – Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>

Il-minuti tal-49 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

<u>Item 5 - Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mit-28 ta' Diċembru 2013 sal-11 ta' Frar 2014 li kienet tammonta għal €80,498.63.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2014 li kien jammonta għal €74.99.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-irċevuti u d-dokumentazzjoni kif ippreżentati mis-Sur Joseph Cassar bħala konferma tal-ħlas li sar għall-avviżi u messaġġi li saru fl-attivitajiet *The Malta International Food Festival* u *Dine Along the Longest Table in the World*. Fuq proposta tas-Sur Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-ħlas permezz ta' ċekk numru 6645 għan-nom tas-Sur Joseph Cassar li kien inkluż fl-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu 18 ta' Lulju 2013 sat-8 t'Awwissu 2013 u li kienet ippreżentata waqt il-421 laqgħa tal-Kunsill.

Fis-6.35 is-Sur Joe Vella daħal għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar, 2013 - 31 ta' Diċembru, 2013. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament dawn il-*Financial Statements*.

Item 6 - Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2014. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondat mis-Sur Buttigieg.

Item 7 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li talbu lill-Kunsill iħallas is-somma finali ta' €387.06 bħala parti mill-ispejjeż dovuti lill-Avukat Ġenerali dwar il-kawża kontra l-iżvilupp li kien propost għall-impjant tar-reċiklaġġ. Fuq proposta tas-Sur Marc Vella Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas is-somma finali ta' €387.06.

Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jindaga dwar fuq liema bażi kienet ittieħded id-deċiżjoni li jingħata kumpens lir-residenti ta' Marsascala li joqgħodu qrib l-impjant ta' reċiklaġġ kif ukoll isaqsi x'tip ta' kumpens qiegħed jingħata lir-residenti ta' Marsaskala. Dan sabiex fuq bażi tad-deċiżjoni li kienet ittieħdet il-Kunsill ikun jista' jagħmel talba għal xi forma ta' kumpens liż-Żabbarin, li joqgħodu fil-viċinanzi tal-impjant u li qed ibgħatu l-konsegwenzi minħabba l-impjant għar-reċiklaġġ.

Fis-6.50 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-Allcare *Insurance Brokers* għall-ħlas ta' €53 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Fuq proposata tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-impjegati kollha, filwaqt li jiġu nklużi ukoll f'din il-polza ta' assigurazzjoni l-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill stima mibgħuta mingħand il-kumpanija *Leon Promotions* għall-organizzazzjoni tal-Karnival ta' din is-sena għall-ħlas ta' €1,100. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

Is-Sur John J Pace qal li din is-sena fl-attivita` tal-karnival kienet ser tipparteċipa s-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u din kienet qiegħda titlob il-ħlas ta' €580.

Is-Sur John J Pace qal li f'każ li jkun il-maltemp u sa siegħa qabel titħassar din l-attivita` il-Kunsill ikun obbligat iħallas €150 lil-kumpanija *Leon Promotions*. F'każ li l-attivita` tkun bdiet, il-Kunsill ikun obbligat iħallas l-ispejjeż kollha lill-kumpanija *Leon Promotions*. Fil-każ tal-banda, jekk l-attivita` tal-Karnival titħassar, is-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ ikollha ddoqq f'okkażjoni oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto biex b'effett retroattiv (1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014) taħdem ħinijiet imnaqqsa (30 siegħa fil-ġimgħa). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata tiġi aċċettata.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza lill-membri tal-Bord tal-Għażla sabiex jiġu deċiżi d-dati sabiex isiru l-intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv fi skala 13. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-intervisti jsiru nhar it-Tlieta 25 ta' Frar, 2014 u l-Erbgħa 26 ta' Frar, 2014 wara nofsinhar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ilment mis-Sur Joe Camilleri, mill Kumpanija DDA Malta. Is-Sur Camilleri allega li f'Marzu, 2013 għamel xogħol ta' tqassim ta' fuljetti għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u sa llum baqa' ma tħallasx. Is-Sur Camilleri qal illi kien imqabbad mis-Sindku sabiex iqassam dawn il-fuljetti. Is-Sindku qal li f'Marzu, 2013 kien għadu ma ħax il-kariga ta' Sindku u għalhekk talab sabiex il-Kunsill jindaga u jikteb lis-Sur Camilleri biex jitolbu kjarifikazzjoni dwar il-fuljetti li allegatament tqassam minnu.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Forum Nazzjonali fuq l-Arkivji dwar Forum li ser isir nhar il-Erbgħa 19 ta' Frar, 2014.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun fejn b'referenza għal Memo 34/2013 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, ġie propost li s-sejħa għall-offerti / kuntratti dwar manutenzjoni tad-dawl fit-toroq li għandha tinħareg wara struzzjonijiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali issir b'mod konġunt bejn numru ta' Kunsilli Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tal-Kunsill Lokali Żejtun u s-servizz jibda jingħata minn kuntrattur wieħed li eventwalment jirbaħ il-kuntratt.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Annabel Desira mill-*Parental Empowerment Programmes Co-ordinator* fejn ingħataw id-dati li fihom ser jiġu organizzati l-klassijiet ta' *story telling*. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb iqassam l-*leaflets* fl-iskejjel u li jiġi avżat il-Kapillan sabiex jinforma lill-pubbliku b'dawn l-attivitajiet fl-avviżi tal-Knisja.

Fis-7.20 is-Sur Joseph Vella u s-Sur John J Pace talbu li jkunu skużati.

Inqat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier is-Sur Brian Spiteri, fejn talab li l-laqgħat tal-Kunsill jiġu skedati minn qabel sabiex wieħed ikun jista' jagħmel il-pjanijiet tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress illi l-kuntratt mal-kumpanija għat-telefonija ċellulari kien skada, l-kumpanija Vodafone kienet qiegħda toffri kuntratt ta' servizz għall-ħlas ta' €50 fix-xahar minflok €55 fix-xahar li kienu qiegħdin jitħallsu sa issa. Is-Sindku talab li jinġiebu kwotazzjonijiet oħra għal dan is-servizz.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill illi l-Kunsill irid jaħtar Ambaxxitriċi Lokali għaż-Żagħżagħ peress illi din kienet l-aħħar laqgħa li għaliha setgħet tattendi s-Sinjorina Ghislaine Bongailas bħala Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar *European Youth Events.* L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tagħti l-opportunità sabiex għaxar (10) kunsillier żagħżugħ u żagħżugħa ikunu jistgħu jattendu l-European Youth Event ġewwa Strasburgu (Franza) bejn id-9 u l-11 ta' Mejju 2014. Din l-attività ser tkun qed issir ġewwa l-Parlament Ewropew.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-*expression of interest* dwar id-*derelict vehicles* kienet għalqet u l-Kunsill irid jevalwa l-applikazzjonjiet ta' nteress li ġew mitfugħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Charles Mizzi dwar talba għal-ħlas għall-użu tas-sala tal-Kappillan, €250 għall-attivita` mtella' flimkien mac-*China Cultural Centre*, €350 għall-attivita` ta' Jum Ħaż-Żabbar u €200 għall-attivitajiet tal-*aerobics* li saru bejn Novembru 2013 u Jannar 2014. Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Kappillan biex jitnaqqsu l-prezzijiet mitluba għal-dawn l-attivitajiet. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta. Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienx sar il-ftehim mal-kappillan dwar l-użu tas-sala. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Kappillan iżda l-ftehim kien għadu ma ntlaħaqx. Is-Sur Marc Vella Bonnici qal li l prezzijiet għandhom jiġu diskussi qabel u mhux wara li ssir l-attivita`.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillieri Brian Spiteri u Mark Grech ma jiġux dikjarati vakanti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eickholm Pageler mill-Kunsill ta' Eschborn fejn informa lill-Kunsill illi l-Kunsill ta' Eschborn kien ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mal-bookings li kienu laħqu saru għall-kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ.

<u>Item 8 – Jum Ħaż-Żabbar</u>

Dan l-item ma ġiex diskuss peress illi l-attivitajiet konnessi ma din iċ-ċelebrazzjoni kienu saru kif ippjanat.

Item 9 – Ċentru ta' Matul il-Jum

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ispiża relatata sabiex jiġi organizzat Ċentru Matul il-Jum f'Ħaż-Żabbar għall-anzjani kienet dik tal-kiri tas-Sala. Id-dawl u l-ilma kif ukoll il-ħlas ta' żewġ ħaddiema li jaħdmu bejn it-tmienja ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar kienu ser jitħallsu mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal illi l-Kunsill setgħa jagħmel użu mis-sala r-Ragħaj it-Tajjeb. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jkollux id-dħul finanzjarju miċ-Ċentru Matul il-Jum.

Is-Sur Marc Vella Bonnici ppropona li ssir laqgħa mal-Kappillan biex il-Kunsill ikun jaf il-ħlas mitlub għall-kiri tas-sala għall-attivitajiet tal-Kunsill kif ukoll kiri tas-sala għaċ-Ċentru Matul il-Jum. Is-Sur Vella Bonnici ppropona li l-ispiża għall-kiri tas-sala m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €1, 500 f'sena. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Vella Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Ombudsman* dwar inċident li allegatament seħħ mis-Sur Joseph Mifsud fil-vettura tiegħu fi Triq Bormla, fejn qed jintalab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u l-kopja ta' din il-korrispondenza tingħata lill-avukat tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi mwieġba. Il-Kunsill innota li minbarra l-fatt li hemm dubju dwar l-isem tat-triq, ir-rapport tal-inċident saħansitra sar l-għada li allegament seħħ l-inċident.

Inqrat Memo 5/2014 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna finanzjara ta' €1. 000 għal *streaming* tal-laqgħat *online*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill japplika għall-għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema.

Inqrat Memo 4/2014 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna finanzjarja għall-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta` ta' librerija lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' flus (€600) taħt din l-iskema.

Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2013 - 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma finalizzat għas-snin 2013 - 2015. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur *Nexos Street Lighting* sabiex jiġi rranġat id-dawl taz-*zebra crossings* f'Ħaż-Żabbar peress illi uħud minnhom għandhom id-dawl bil-ħsara.

Pubblikazzjoni tal-Magazine Citta' Hompesch (ZLC 7/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għall-pubblikazzjoni tal-Magazine Citta` Hompesch (ZLC 7/2011) kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li ma jġeddidx dan il-kuntratt u li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex il-*magazine* jiġi ppublikat mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill u l-Kunsill ikun responsabbli għall-kontenut litterarju tiegħu.

Sejħa għal servizz ta' Accountant (ZLC 10/2011)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għas-sejħa għall-servizz ta' *accountant* li l-Kunsill għandu mas-Sur Lawrence Cauchi kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Offerti għal-Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 1/2012)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 1/2012) kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Offerti għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2013) kien ser jagħlaq u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel laqgħa mal-kuntrattur responsabbli qabel ma tittieħed deċiżjoni jekk iġeddidx il-kuntratt jew le.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata l-*crash barrier* li hemm fil-viċinanzi tal-iskola.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jibdew il-preparamenti għall-ħruġ tat-*tender* dwar l-iskart domestiku kif ġie mitlub li jsir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Sindku talab li t-*tender* li ser jinħareġ il-Kunsill ikollu d-diskrezzjoni li jnaqqas il-ġranet tal-ġbir ta' skart domestiku kif ukoll li jżid il-ġbir ta' skart reċiklabbli skont il-ħtieġa.

Is-Sur Joe Bonnici qal illi s-Sur John Fenech President tan-NASOM kien qiegħed jistenna risposta jekk il-Kunsill kienx jaqbel li jsir *survey* dwar *noise pollution* li jiġi ġġenerat mill-kumpanija Hompesch Steel.

Fit-8.00 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Agius talab li jkun skużat.

Il-laqgħa spiċċat fit-tmienja ta' filgħaxija minħabba nuqqas ta' *quorum*.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-429 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2014.

Quinton Scerri
Sindku